PAPAT TAS-SEKLU 12

CLEMENT III

1187-1191

Paolo Scolari li sar Papa Klement III kien Ruman. Membru distint tal-kleru ruman, u anke l-ewwel arcipriet tal-Bazilka ta' Santa Marija Maggiore u fl-ahhar kardinal isqof ta' Palestrina. Billi kien bniedem marid, l-ghazla tal-kardinali waqghet fuq Theobaldo, kardinal isqof ta' Ostja, imma Theobaldo rrifjuta. Fil-11 ta' Dicembru tas-sena 1157 il-kardinali daru fuq Paolo u huwa

accetta, minkejja li kien marid. Huwa gie nkurunat bhala papa fl-20 ta' Dicembru bhala Klement III.

Klement kien bniedem popolari mar-rumani, u malajr sab postu fil-Lateran wara li nstabet formola ghall-paci gewwa l-belt eterna. Biex dan isehh huwa ta l-kunsens tieghu biex il-hitan tal-mibgheda ghal Tusculum jitwittew. Fis-sena 1181 saru xi regolamenti biex jindikaw id-drittijiet tal-Papa u tal-komun.

L-iskop principali ta' Klement kien li jsalva lil Gerusalem. Kompla fuq il-prassi tal-predecessur tieghu Girgor VII: paci bejn l-insara, gwerra lill- Mislem. Il-Papa ghamel li seta' biex jaghti dak kollu li ried l-imperatur Frederiku Barbarossa u kellu s-sodisfazzjon li jarrah imexxi armata kbira lejn l-Art Imqaddsa. Pero' jekk kellu success f'din il-haga, ma rnexxilux fl-isforzi tieghu li jgib il-paci bejn Neriku II ta' l-Ingilterra u Filippu Agustus ta' Franza. Imma wara il-mewt ta' Neriku II, Rikkardu Qalb ta' Iljun u Filippu marru flimkien lejn il-Palestina. Klement III ghamel li seta' biex jirbah lura Gerusalem, kemm bid-diplomazija, bil-finanzi u bl-inkoraggiment. Ir-rizultat kien wiehed fqir, ma kienx tort tieghu u miet qabel ma l-krucjata falliet.

Il-mewt ta' Guliermu II, ir-re Normann ta' Sqallija poggiet quddiem Klement III u s-successuri tieghu problema tahraq.

Il-werrieta legittma ta' Guliermu kienet Kostanza, il-mara ta' Neriku tal-Germanja. L-isqallin ma ghobgbithomx l-idea ta' renjant germaniz u marru wara Tankredi, qarib illegittimu tal-familja Normanna. Klement ma kellu ebda xewqa li jara lil Hohenstaufens fuq iz-zewgt nahat tieghu u ghalhekk gharaf lil Tankredi bhala re ta' Sqallija. Imma Neriku ma kellu ebda intenzjoni li jara l-wirt ta' martu jahrablu minn taht idejh. F'kemm trodd salib kien niezel lejn Sqallija b'armata kbira.

Klement III ma kellux jhabbat wiccu ma' din is-sitwazzjoni difficli ghaliex miet qabel Neriku seta' jasal Ruma. Huwa miet fil-11 ta' Marzu tas-sena 1191. L-iskoccizi ghandhom ghaliex ikunu jafuhulu billi kien bis-sahha tieghu li heles lill-knisja skocciza mis-seghta ekklesjastika ta' l-arcisqof ingliz ta' York. Dan il-Papa hadem ukoll biex jehles lil ilsira u jipprotegi lill-Lhud.